# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 23 ta' Novembru 2001**

**Appell Nru 145/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Theuma**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Theuma talli fit-8 ta' April, 2001 ghall-habta tal-9.50 pm, bhala persuna li f'isimha u f'isem il-Vecca Cat. Co. Ltd. ghandu licenzja tal-Pulizija sabiex jiggestixxi l-hanut "Il-Vecca" 372 fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, (**1**) daqq jew xort'ohra ppermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi stabbiliment minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, u (**2**) bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Theuma hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu hamsa w ghoxrin lira (Lm25) ammenda;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Anthony Theuma, minnu ppresentat fit-23 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li ma kienx hemm prova jew provi li kienet qed tindaqq muzika b'volum daqstant gholi li kienet ta' inkonvenjent, u li huwa ghalhekk ma jistax jigi misjub hati li kiser il-mistrieh tan-nies (it-tieni imputazzjoni). Din il-Qorti, wara li ezaminat id-deposizzjonijiet tad-diversi xhieda, inkluz l-appellant minn jeddu, hi tal-fehma li ghandha tirrespingi dana l-aggravju. Huwa veru li meta l-Kuntistabbli 914 Mifsud u kuntistabbli iehor marru vicin l-istabbiliment in kwistjoni, minn barra ma semghux hsejjes ta' muzika; izda meta huma dahlu gewwa jirrizulta li kien hemm *party* fil-*wine bar* fis-sular ta' isfel u

kien hemm muzika qed tindaqq b'volun pjuttost gholi. In fatti, kif stqarr l-istess P.C. Mifsud "kieku kont qed indoqq il-muzika d-dar tieghi indoqqha b'volum aktar baxx milli [kienet] qed tindaqq". P.C. Mifsud fil-fatt talab lill-appellant ibaxxi l-volum, u dana hekk ghamel. Monica Muscat, li flimkien ma zewgha ghamlet ir-rapport li wassal ghall-imputazzjonijiet odjerni, tghid li f'din l-okkazzjoni l-muzika kienet tant tinstema' mill-appartament tagghom (li jigi fuq l-istabbiliment ta' l-appellant) li bilkemm kont tista' tisma' t-televizjoni. Hu evidenti li ghalkemm jista' verament jaghti l-kaz li minn barra l-istabbliment il-muzika ta' gewwa ma kienitx tinstema', l-istess muzika tigi trasmessa minn fuq gewwa – permezz tal-btiehi jew anke permezz tal-hitan stess – ghal appartamenti u/jew djar ta' abitazzjoni li jkunu jmissu ma' l-istabbiliment *de quo*, u li din il-muzika ghalhekk tkun ta' inkonvenjent ghal min ikun jghix f'dawk l-appartamenti jew djar. Fi kliem iehor, din il-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel qorti kellha quddiemha provi bizzejjed li a bazi taghhom hija setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha ghal dik li hija htija fuq it-tieni mputazzjoni.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li huwa ma kellu bzonn ta' ebda licenzja tal-Pulizija biex idoqq *background music* fl-istabbliment tieghu. Issa, kuntrarjament ghal dak li qed jippretendi l-appellant, biex tindaqq certu tip ta' muzika wiehed ghandu bzonn permess tal-Pulizija. Il-ligi, pero`, proprjament ma tuzax l-espressjoni *background music*. Ir-regolament 22(1) tar-Regolamenti dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Licenzji, Bonordni u Decenza Pubblika)[1] jipprovdi li ebda persuna bil-licenzja taht dawk ir-regolamenti – u l-appellant kellu licenzja taht dawk ir-regolamenti, ara d-dokument a fol. 7 ta' l-atti – ma ghandha thalli fil-lokal taghha min idoqq strumenti muzikali jew taghmel uzu minn *loudspeaker* ta' radju jew ta' xi *amplifier* minghajr il-permess specjali tal-Pulizija[2]. Mill-provi ma jirrizultax li l-appellant kien qed idoqq, jew ihalli lil min idoqq, xi strumenti muzikali – dak li kien qed jindaqq kienet muzika minn fuq *cassette* – u anqas ma jirrizulta li kien qed jintuza xi *loudspeaker* ta' radju jew ta' xi *amplifier*. Dak li jirrizulta li kien qed jindaqq kien *cassette* bl-uzu ta' l-i*speakers* normali ta' l-apparat. Ir-regolament 22, li l-ahhar li gie emendat kien fl-1949, jidher li ghandu bzonn li jigi aggornat biex jiehu kont tal-mezzi tad-daqq ta' muzika moderni. Fi kwalunkwe kaz, u kif inhi l-ligi sa issa, ma jidhirx li l-appellant, b'dak li jirrizulta li kien qed jaghmel, kien qed jikser l-Artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali u dan peress li, kif inghad, biex idoqq il-muzika li effettivament jirrizulta li kien qed idoqq, ma kellux bzonn tal-permess specjali tal-Pulizija.

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa wiehed assolutament bla bazi fil-ligi. Huwa jikkontendi li ghax mal-licenzja mahruga mill-Pulizija biex izomm il-lokal in kwistjoni hemm annessi u riprodotti is-sub-paragrafi (i), (ii) u (iii) tal-paragrafu (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar

[1] Notifikazzjoni tal-Gvern 392 ta' l-1929.

[2] Il-Qorti tosserva li jidher li hemm diskrepanza bejn it-test Malti ta' din id-disposizzjoni u t-test Ingliz.

Protezzjoni tad-Drittijiet ta' l-Awtur[3], dan ifisser li huwa ghandu licenzja mill-pulizija biex idoqq muzika fl-istabbiliment tieghu basta li hu josserva r-regolamenti tal-*copyright*. Evidentement l-appellant m'ghandux l-icken idea tal-portata ta' dawn ir-regolamenti; il-Qorti tissuggerilu li jaqra dawn ir-regolamenti sewwa biex ma jergax jghid il-hmerijiet li qal dwarhom.

Ghalkemm din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, hi tal-fehma li m'ghandhiex tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti. Minn jeggestixxi lokali kummercjali, bhar-ristorant ta' l-appellant, ghandu jaghmel dan minghajr ma jkun ta' inkonvenjent ghall-girien tieghu li huma intitolati, fost affarijiet ohra, ghall-mistrieh ta' bil-lejl. Infatti l-licenzja li l-appellant ghandu fir-rigward tal-lokal in kwistjoni hi suggetta ghall-kundizzjoni "provded no nuisance be caused to neighbours" (ara d-dokument a fol. 6). Mill-esperjenza ta' din il-Qorti spiss jigri li minn jiggestixxi tali stabbilimenti jigi jaqa' w iqum minn tali inkonvenjent. U mid-deposizzjoni ta' Joseph Muscat jidher li l-inkonvenjent minhabba daqq ta' muzika mill-istabbiliment ta' l-appellant huwa inkonvenjent regolari li l-konjugi Muscat qed jigu assoggettati ghalih. Ghalhekk il-piena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghandha tibqa' fil-massimu taghha, li huwa ta' ammenda ta' Lm25.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddsponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata, u cioe` (1) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn din l-ewwel imputazzjoni, izda (2) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza l-piena inflitta ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira.

In vista ta' dak li jinghad f'din is-sentenza dwar ir-regolament 22(1) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929, il-Qorti tordna li kopja ta' din-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Onorevoli Ministru rseponsabbli mill-Intern.

[3] Avviz Legali 120 ta' l-1992.